Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,986, 6 ta' Jannar, 2023

Taqsima B

A.L. 3 tal-2023

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2023 dwar Rekwiżiti Speċjali tal-Ivvjaġġar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 dwar Rekwiżiti Speċjali tal-Ivvjaġġar.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Jannar 2023.

Rekwiżiti speċjali.

2. Kwalunkwe persuna li ser tivvjaġġa lejn Malta miċ-Ċina għandha tkun fil-pussess ta' riżultat negattiv tal-COVID-19 Rapid Antigen Test (RAT) imwettaq mhux aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel il-wasla tagħha f'Malta:

Iżda l-imsemmija rekwiżiti ma għandhomx japplikaw għal tfal li għandhom ħdax (11)-il sena jew inqas.

Setgħa tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika sabiex tagħmel eżenzjonijiet.

3. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', permezz ta' avviż tal-Gvern ippubblikat fil-Gazetta u skont dawk il-kundizzjonijiet li tqis neċessarji jew xierqa, teżenta persuni mir-rekwiżiti ta' dan l-ordni.